MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Numru. 181/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Martin Sammut)**

**v**

**Mohamed Ali Aboktif ta' 32 sena**
**iben Ali u Lutifa nee Mohammed,**
**imwieled 12 ta' Dicembru, 1972, Tripoli**
**u residenti Flat 1, St. Anne Apartments, Triq Ball,**
**San Giljan, numru tal-passaport 969447**

**Abdulaziz Elmehdi Elgrari ta' 23 sena**
**Iben Elmehdi u Nuwara nee Shulak, imwieled**
**26 ta' Ottubru, 1982, Tripoli, u residenti**
**Room 108, Hotel San Gorg, Triq Ball,**
**San Giljan, numru tal-passaport Libjan**
**051899**

**Khayris Abugdidi ta' 27 sena, iben Said u**

**Hesna nee Zinna, imwieled 8, ta' Mejju, 1979, Tripoli u residenti Room 303, Hotel San Gorg, Triq Ball, San Giljan, numru tal-passaport Libjan 958883**

**Rami Alzibidi, ta' 17-il sena iben Mohamed u Fusija nee Mejdub, imwieled fid-19 ta' Ottubru, 1986, Zliten, residenti Flat 1, St Anne Flat, Ball Street, St Julians, numru tal-passaport LIjban 10288**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Mohamed Ali Aboktif, Abdulaziz Elmehdi Elgrari, Khayris Abugdidi u Rami Alzbidi li gew akkuzati talli f'dawn il-gzejjer fil-lejl ta' bejn is-27 u t-28 ta' Frar, 2005 gewwa l-fond Flat 1, St Anne Flats, Triq Ball, San Giljan:

1. Ikkommettew attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Rano Kamalova, liema delitt huwa aggravate billi waqt l-ezekuzzjoni tad-delitt, kienu mghejjuna minn persuna wahda jew izjed u kif ukoll ghamlu uzu minn arma regolari u kif ukoll billi saret offiza fuq l-istess persuna ta' Rano Kamalova, u dan bi ksur ta' ARtikoli 207 u 202 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi offendew il-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku, u dan bi ksur ta' artikolu 209 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Rano Kamalova, kontra l-volonta' taghha u taw il-post biex fih

din l-istess persuna u cioe Rano Kamalova, tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, liema delitt huwa aggravate billi l-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata u cioe Rano Kamalova giet offiza fuq il-persuna taghha u kif ukoll billi d-delitt sar bhala mezz biex Rano Kamalova giet imgieghla taghmel xihaga jew toqghod ghal xihaga li toffendi l-misthija tas-sess taghha u dan bi ksur ta' Artikoli 86 u 87 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kap tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat jew mod iehor u dan bi ksur ta' Artikolu 338(m) ta' Kap tal-Ligijiet ta' Malta,

6. Il-ko-imputati Mohamed Ali Aboktif u Rami Alzbidi wahedhom akkuzati aktar talli fl-istes data, hin, lok u cirkostanzi ikkommettew griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Rano Kamalova dan bi ksur ta' Artikolu 221 ta' Kap 9 tal-Ligijiet a' Malta,

7. Il-ko-imputat Mohamed Aboktif wahdu akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna tas-surgent PS 69 Jesmond Cremona, PC 1228 Edward Zammit u PC 210 S. La Grasta inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzagghom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur ta' Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. U aktar talli kellu strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija,

Il-ko-imputat Mohamed Aboktif wahdu akkuzat aktar talli f'dawn il-gzejjer nhar is-27 ta' Frar, 2004 u x-xhur ta' qabel, gewwa San Giljan u bnadi ohra, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi:

9. Iffalsifika, biddel, jew ghamel xi tibdil f'passaport jew uza jew kellu ghandu passaport, li huwa jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih, u cioe l-passaport

Libjan bin-numru 969447 u dan bi ksur ta’ Artikolu 5 ta’ Kap 61 tal-Ligijiet ta’ Malta.

10. Iffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra fuq passaport Libjan bin-numru 969447 li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw, jimmarkaw, jawtentikaw, jew jiccertifikaw f’isem tal-Gvern jew tal-awtorita’ tieghu, dokumenti jew oggetti u dan bi ksur ta’ artikolu 172 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

11. Xjentement ghamel uzu minn dawn is-sigilli timbre jew marki fuq il-passaport Libjan bin-numru 969447 u dan bi ksur ta’ Artikolu 173 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

12. Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi document iehor iffalsifikat u cioe passaport bin-numru 969447 u dan bi ksur ta’ artikoli 188 u 189 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Rat illi fid-29 ta’ Dicembru, 2005 il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju u l-Qorti laqghet it-talba u ghalhekk din is-sentenza hi **BISS** fil-konfront ta’ **Mohammed Ali Aboktif.**

Ikkonsidrat

Illi jirrizulta pruvat mix-xhieda prodotta illi certament Rano Kamalova giet certament mizmuma fil-flat ta’ l-akkuzat, fis-sens li l-Qorti ma tistax temmen il-verzjoni ta’ Aboktif li din marret hemm minn jeddha. Dan qed jinghad minhabba diversi fatturi li rrizultaw mill-atti processwali:

(1) ix-xhieda ta’ l-istess vittma
(2) ix-xhud tal-pulizija li semghu l-ghajjat ta’ Rano minn go l-appartament u anke li rawha tisporgi rasha minn got-tieqa tghajjat ghall-ghajjut
(3) il-griehi anke jekk leggeri sofferit mill-istess Rano
(4) L-istess ta’ taqlib tal-kamra tas-sodda
(5) Aktar u aktar importanti x-xhieda ta’ PC 1128 Edward Zammit, xhud okulari li meta dahal jghin lit-tfajla (Rano) li kienet qed twerzaq mit-tieqa u dahal fl-appartament sab lil “… akkuzat qieghed bl-id ix-xellugija zzomm lil din it-tfajla minn ghonqha u bil-piz tieghu stess qed irazzanha mal-hajt u bl-id il-leminija jaghtiha bil-ponn go wiccha.” ( a fol 180).

Din il-verzjoni taqbel certament ma’ dik moghtija minn Rano illi fil-mori tax-xhieda taghha bdiet tindika lill-Qorti b’idejha li Aboktif kien qed jipprova jistrangulaha. Tant li tghid “… he put me in the floor and he was going to …(158) hawn tiddeskrivi mossa ta’ strangulation.

Illi jidher ukoll illi matul din l-aggressjoni Aboktif kien qed jigi meghjun u instigat minn irgiel ohra ukoll prezenti fl-appartament. Dawn l-irgiel skond ix-xhieda ta’ Rano bdew jinstigaw lil Aboktif biex jistupraha u wara joqtolha. Di piu l-istess akkuzat anke staqsiha jekk kinitx vergni jew le.

Importanti wkoll kif issottometta l-abbli Avukat Difensur, illi l-istess Rano meta giet ezaminata min Dr Mario Scerri qaltlu illi hi qatt ma giet attakkata sesswalment. Tant li l-istess tabib fir-rapport tieghu ikkonkluda a fol 116.

“Illi peress li Kamalova qalet lill-esponent illi hi ma gietx attakkata sesswalment ma sarux ezamijiet fuq il-parti genitali ta’ Kamalova”.

Pero’ hawn non si tratta ta’ akkuza ta stupru pero’ ta’ attentat vjolenti ghall-pudur.

Fix-xhieda taghha moghtija fl-inkjesta l-istess Rano tghid illi Mohammed l-akkuzat barra li staqsiha jekk kinitx vergni

kompla (anke jekk fuq instigazzjoni ta' haddiehor biex jghidilha. "I will fuck you then I will kill you." (a fol 163).

Illi fil-fatt l-istess akkuzat jammetti li hu staqsa lil Rano kinitx Vergni pero' jispjega dan fl-istqarrija billi jghid "Because I want to marry to her" (a fol 135).

Ghar-ragunijiet gia esposti u anke in kwantu ghal hafna cirkostanzi li hareg bihom l-akkuzat meta xehed viva voce tenut kont ta' dak li kien stqarr a tempo vergine din il-Qorti hija konvinta li fil-fatt din il-parti tal-verzjoni hija kif irrakkontata Rano.

Zewg punti trid tissolleva l-Qorti f'dan l-istadju. Il-fatt li omm Rano qalet li hi sabet lil Aboktif bilqeghda jibki ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-omm semghet lil bintha tghajjat u meta marret biex taghtih l-assistenza sabitha "lying on the floor and Mohammed next to her" (a fol 235).

It-tieni punt li jinhtieg jigi sollevat jemmina mil-fatt li biex jigi kostitwit ir-reat ta' attentat vjolenti ghall-pudur non si necessita li persuna jsir fuqha attentat ta' stupru. Fil-fatt l-artiklu 207 tal-Kapitlu 9 huwa car fid-dicitura u jiddeskrivi r-reat ta' attentat vjolenti ghal pudur bhala reat li fih innifsu ma jkunx jikkostitwixxi wiehed mid-delitti ikkonsmati jew attentati msemmija fl-artikoli ta' qabel, bhala stupru per ezempju.

Jinghad ukoll li mix-xhieda ta' Rano irrizulta wkoll li barra li hi spiccat imsawta u fgata minn Mohammed l-akkuzat, dana uza anke xafra f'din l-aggressjoni (vide dok 05 ARZ 206) esebit mar-relazzjoni ta' PC 453 Brian Cassar u PC 94 Jack Farrugia Scene of the Crime Officers (a fol 88).

Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-akkuzi prospettati fl-artikoli 207 u 202 tal-Kapitlu 9 jirrizultaw.

Ma tqisx pero' li r-reat ikkontemplat taht l-artiklu 209 gie sufficjentement ippruvat in kwantu anke jekk setgha kien hemm xi possibilita' li din l-aggressjoni dehret minn barra, dak li setgha biss gie percepit minn barra kien biss aggressjoni fizika li per se wahedha mhux

necessarjament tikkostitwixxi offiza lejn il-pudur jew il-morali.

Illi tqis ukoll illi huma pruvati anke r-reati kkontemplati taht l-artikolu 86 u 87 tal-Kapitlu 9. Terga' l-Qorti illi ma temminx il-verzjoni li ta Aboktif viva voce u cioe li Rano marret minn jeddha ghandu ghas-sodisfazzjoni ghax kixifha li ma kinitx fuq il-post tax-xoghol. Xejn mit-taqlib li jidher mir-ritratti esebiti mis-SOCO u mill-grif li sofriet Rano ma huma ndikattivi jew isostnu l-verzjoni ta' l-akkuzat.

Ma tqisx pero' bhala pruvati r-reati kontravenzjonali in kwantu kienet Rano, anke jekk definittivament instigate minn Aboktif li ghajtet u sahansitra kissret il-hgieg tat-tieqa.

L-akkuza tal-griehi hfief certament tirrizulta, pero' din hija wahda rinunzjabbli. Rano meta xehdet viva voce kienet kategorika mill-fatt li hi riedet tahfer lil Aboktif. Illi ghaldaqstant il-Qorti tqis li din l-akkuza hija wahda ezawrita.

L-akkuza pprospettata taht l-artikolu 95 tal-Kapitlu 9 ukoll ma gietx fl-opinjoni ta din il-Qolrti sufficjentement pruvata. Xehdu diversi ufficjali tal-Pulizija dwar il-fatt li Aboktif harab mill-flat tieghu meta hu gie mwaqqaf mill-pulizija milli jkompli jaggredixxi lil Rano. Pero' din il-harba, jekk grat, per se ma ghandhiex jew ahjar fiha nnifisha Ma tissodisfax l-elementi necessarji biex jigi kostitwit ir-reat in dizamina.

Lanqas fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma giet pruvata l-akkuza numru 8 taht il-Kap 66. Verament u certament intuzat xafra f'din l-aggressjoni. <u>Pero</u>' l-pussess ta' xafra, anzi ta' 'shaver' kif tghid l-istess Rano zgur li ma jinnecessitax ebda licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Fir-rigward tal-imwies misjuba fil-fond fejn jirrisjedi l-akkuzat, ma ngabet ebda prova cara ta'min verament kienu l-istess armi.

In ezami ta' l-ahhar tliet akkuzi fil-konfront tal-passaport jigi rilevat illi Joseph Mallia meta qed jitkellem fuq il-passaport 969447 jghid illi fil-pagni 32 u 31 ta' l-istess hemm fit-timbru ta' l-Immigration certu difetti u anke hemm certu zbalji ta' spelling. In poche parole l-espert Joseph Mallia jasal ghall-konkluzjoni illi allura it-timbri li fuqhom ghamel l-ezami huma foloz.

Jigi rilevat ukoll illi ghalkemm nqalghet kwistjoni dwar il-validita' ta' dan il-passaport fil-fehma ta' Joseph Mallia l-extension hija dubjuzja, pero' tenut dan ghax ittella' jixhed il-konslu ghall-Ambaxxata Libjana li xehed li l-passaport 969447 kien wiehed validu sad-data tal-4 ta' Settembru, 2006.

Jigi rilevat ukoll fil-konfront ta' dawn it-timbri l-espert mistoqsi mill-Avukat Difensur wiegeb li jekk wiehed ihares lejn it-timbri ezistenti fuq il-passaport in kwistjoni u dawn uzati mill-Pulizija facilment wiehed jista' jara li m'ghandhomx x'jaqsmu ma' xulxin.

Ikompli hekk:

"Mill-ewwel tinduna, anke l-izball ta' l-arma wkoll tarah mill-ewwel. Plus hekk hemm spelling mistakes naqra gravi fl-opinjoni tieghi b'timbru u plus hemm anke bhala skrittura ma jaqbilx kompletament".

Illi fil-konfront ta' l-akkuza tal-falz u cioe l-uzu ta' passaprot li fih xi falsifikazzjoni l-Avukat Difensur ghamel enfazi dwar il-fatt li t-timbri skond ma kkonkluda l-espert Joseph Mallia kienu jikkostitwixxu falz grossolan. Pero' l-ewwel akkuza in ezami, allura d-disa' akkuza, titkellem dwar reat kostitwit biss bil-fatt illi persuna jkollha ghandha passaport, li hi taf li gie ffalsifikat. It-teorija tal-falz grossolan hija wahda applikabbli meta d-dokument iffalsifikat huwa uzat, allura ghandu impatt fuq it-terz. L-akkuza in dizamina titkellem fuq il-pussess ta' l-agent tad-dokument falz, li allura issa tant huwa cjarament falz li l-agent bilfors "jaf li gie ffalsifikat" (art 5 Kap 61). Tqis ghalhekk din l-akkuza bhala wahda pruvata.

Jinghad ukoll illi ghalkemm iz-zewg passaporti esposti t-tnejn ghandhom timbri certament iffalsifikati pero’ l-akkuzi in dizamina jitkellmu biss fuq il-passaport li jgib in-numru 969447. Pero’ minn imkien ma jirrizulta mill-atti, palesi l-fatt li dan il-passaport kien fil-pussess ta’ l-akkuzat, illi kien hu li ffalsifika t-timbru in kwistjoni jew li kien hu li ghamel uzu ta’ dawn it-timbri foloz fuq il-passaport in kwistjoni.

Dwar l-uzu tal-passaport iffalsifikat, hawn il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta’ l-Avukat Difensur, u dan a bazi ta’dak li kkonkluda Joseph Mallia, fil-konfront tat-teorija tal-falz grossolan.

Ghaldaqstant hija l-fehma ta’ din il-Qorti li ma hemm ebda htija taht l-ghaxar, il-hdax u t-tnax l-akkuza u ghaldaqstant Aboktif qed jigi liberat mir-reati taht l-artikoli 172, 173, 188 u 189 tal-Kapitlu 9.

Punt iehor li ghandu jigi wkoll rilevat naxxenti mis-sottomissjonijiet tal-partijiet fil-kawza, ingabu provi li jissostanzjaw il-fatt illi Rano u Aboktif setgha kellhom xi tip ta’ hbiberija almenu a bazi platonika. Jibqa’ l-fatt pero’ li anke jekk Aboktif ried jizzewweg lil Rano, anke jekk kellhom zjara flimkien go casino jew qattghu zmien twil jitkellmu ma jiggustifika ebda attack ta’ ebda tip fuq il-persuna ta’ Rano. Ma tistax lanqas il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoniji ta’ Prosekutur dwar l-inkonsistenzi sfaccati li hemm bejn dak li stqarr Aboktif u dak li xehed viva voce li jwasslu lil Qorti li taghti ftit konvinciment lit-tezi tieghu dwar kif spiccat ghandu Rano u kif spiccat wegghet.

Ghaldaqstant tenut kont ta’ dak kollu premess qed issibu hati ta’ l-akkuzi kkontemplati taht l-artikoli 207, 202, 86, 87 tal-Kapitlu 9 u 5 tal-Kapitlu 61. Tilliberah ghar-ragunijiet gia premessi mill-akkuzi l-ohra migjuba kontra tieghu.

Dwar il-piena rat il-fedina penali tieghu, rat ukoll l-artiklu 17, 18 u 31 tal-Kapitlu 9 qieset ukoll il-fatt li Rano ghazlet li tahfer lill-akkuzat u qeghda ghaldaqstant tikkundannah ghall-piena karcerarja ta’ tmintax-il xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------